N A O
National Audit Office
MALTA

National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1600
Malta

Phone (+356) 22055555
E-mail nao.malta@gov.mt
Website www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Awditur Ġenerali*

Rif: NAO 39/2016

16 ta' Jannar 2018

Onor. Beppe Fenech Adami LL.D., M.P.
*Chairman*
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
VALLETTA

Għażiż Onor. Fenech Adami,

Nagħmel referenza għat-talbiet mibgħuta lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi mill-Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the Workers u l-Medical Association of Malta fil-21 ta' Novembru 2016, u mill-Membri tal-Gvern fl-istess Kumitat fil-5 ta' Diċembru 2016, dwar il-konċessjoni ta' tliet sptarijiet mogħtija mill-Gvern lil Vitals Global Healthcare. Nagħmel referenza wkoll għall-ittra mibgħuta lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika mill-Membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat imsemmi fit-8 ta' Jannar 2018 dwar din il-konċessjoni. F'dawn l-ittri l-Uffiċċju ntalab jinvestiga aspetti dwar il-konċessjoni msemmija.

F'dan l-isfond, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fassal dawn it-termini ta' referenza:

1. Skrutinju tal-metodu adottat fl-għoti tal-konċessjoni lil Vitals Global Healthcare;
2. Analiżi tal-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li wasslet għall-għotja tal-konċessjoni;
3. Verifika ta' jekk il-mudell kummerċjali li ntuża mill-Konċessjonarju huwiex vijabbli u jekk irrappreżentax valur għall-flus;
4. Skrutinju tal-qafas kuntrattwali li jirregola l-konċessjoni:
    a. Verifika ta' jekk is-servizzi provduti rrispettawx ir-rekwiżiti tal-kuntratt;
    b. Verifika ta' jekk twettqux l-miri kuntrattwali relatati mal-iżvilupp mill-ġdid, il-manutenzjoni, il-ġestjoni u l-operat tas-siti;
    c. Skrutinju tal-provvedimenti li jirregolaw id-drittijiet tax-xogħol ta' uffiċjali pubbliċi fir-rigward tal-konċessjoni;
    d. Skrutinju tas-salvagwardji li huma fis-seħħ biex jiżguraw li ċ-ċittadini Maltin jirċievu trattament fil-ħin;
5. Skrutinju tal-bażi ta' valutazzjoni tas-siti mogħtija lill-Konċessjonarju, il-metodu tat-trasferiment u jekk dan kisirx ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-istat; u
6. Skrutinju tal-proċess permezz ta' liema konċessjoni ġiet trasferita minn Vitals Global Healthcare Ltd u Vitals Global Healthcare Management Ltd lil Steward Health Care.

cont...

Dan huwa qafas preliminarju tal-investigazzjoni mitluba u l-Uffiċċju jirriserva d-dritt li jagħmel tibdiliet jekk meħtieġa. Madankollu, kif ġie diskuss f'seduti ta' dan il-Kumitat, l-Uffiċċju se jkompli josserva l-prassi li l-investigazzjonijiet jiġu trattati skont meta saret it-talba.

Verżjoni bl-Ingliż tat-termini ta' referenza hi annessa ma' din l-ittra.

Tislijiet,

C. Deguara

Ink.

**Terms of Reference**

1. Review the method utlised for the award of the concession to Vitals Global Healthcare;

2. Analyse the evaluation of submissions leading to the award of the concession;

3. Determine whether the business model employed by the Concessionaire is feasible and whether it represents value for money;

4. Review the contractual framework regulating the concession:

    a. Verify whether services provided adhered to contract requirements;
    b. Verify whether contractual targets relating to the redevelopment, maintenance, management and operation of the sites have been realised;
    c. Review provisions regulating the labour rights of public officials in relation to the concession; and
    d. Review what safeguards are in place to ensure that Maltese nationals receive treatment in a timely manner;

5. Review the basis of valuation of the sites granted to the Concessionaire, the method of disposal and whether this was in breach of state aid regulations; and

6. Review the process by which the concession was transferred from Vitals Global Healthcare Ltd and Vitals Global Healthcare Management Ltd to Steward Health Care.